PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0236(CNS)

10.6.2008

EMENDI
16 - 49

Abbozz ta' Rapport
Roselyne Lefrançois
(PE400.537v01-00)

dwar il-proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Qafas 2002/475/JHA dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu

Proposta għal Deċiżjoni Qafas – att li jemenda
(COM(2007)650 – C6-0466/2007 – 2007/0236(CNS))

Emenda 16
Marco Cappato, Sophia in 't Veld, Ona Juknevičienė

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx bżonn ta' iktar leġiżlazzjoni fil-livell ta' l-UE dwar il-provokazzjoni jew l-inċitament tat-terroriżmu, peress li din il-kwistjoni hija diġà koperta minn Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropea u din hija miftuħa għall-iffirmar u r-ratifikazzjoni mill-Istati Membri.

Emenda 17
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha titwettaq b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom irwol ewlieni speċjalment fil-prevenzjoni tat-terroriżmu, sakemm l-instigaturi jew l-atturi ta' atti terroristi jgħixu fi ħdan il-komunitajiet lokali u jitħalltu mal-popolazzjoni lokali billi jużaw is-servizzi u l-istrumenti tad-demokrazija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-Sur Demetriou jaqbel sostanzjalment mal-proposta tar-rapporteur imma jipproponi abbozzar aħjar.

Emenda 18
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha titwettaq b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Or. de

Emenda 19
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-proposta attwali tipprevedi l-kriminalizzazzjoni ta' reati marbuta mat-terroriżmu sabiex tikkontribbwixxi għall-għan ta' politika aktar ġenerali tal-prevenzjoni tat-terroriżmu permezz tat-tnaqqis fit-tixrid ta' dawk il-materjali ***li jistgħu*** jinċitaw lil persuni sabiex iwettqu attakki terrroristiċi.	(7)Il-proposta attwali tipprevedi l-kriminalizzazzjoni ta' reati marbuta mat-terroriżmu sabiex tikkontribbwixxi għall-għan ta' politika aktar ġenerali tal-prevenzjoni tat-terroriżmu permezz tat-tnaqqis fit-tixrid ta' dawk il-materjali ***li jkollhom l-intenzjoni u t-tendenza li*** jinċitaw lil persuni sabiex iwettqu attakki terrroristiċi.

Or. en

Emenda 20
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi,	(10) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi,

inklużi reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, għandha tiġi approssimata aktar fl-Istati Membri kollha, sabiex tkopri ***l-provokazzjoni pubblika*** sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ u t-taħriġ għal skopijiet terroristiċi, meta jitwettqu intenzjonalment.	inklużi reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, għandha tiġi approssimata aktar fl-Istati Membri kollha, sabiex tkopri ***l-inċitament pubbliku*** sabiex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ u t-taħriġ għal skopijiet terroristiċi, meta jitwettqu intenzjonalment. *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv li qed ikun eżaminat kollu minbarra l-premessa 9; l-adozzjoni tagħha titlob li jkun hemm emendi tekniċi fit-test kollu).*

Or. de

Emenda 21
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għandhom jingħataw pieni u sanzjonijiet lill-persuni naturali u ġuridiċi li jkunu wettqu ***jew li huma responsabbli għall-provokazzjoni*** pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, meta dawn jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment. Dawn il-forom ta' aġir għandhom ikunu punibbli ugwalment fl-Istati Membri kollha indipendentement minn jekk jitwettqux permezz ta' l-Internet jew le.	(11) Għandhom jingħataw pieni u sanzjonijiet lill-persuni naturali u ġuridiċi li jkunu wettqu ***provokazzjoni*** pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu, meta dawn jitwettqu b'mod illegali u intenzjonalment. Dawn il-forom ta' aġir għandhom ikunu punibbli ugwalment fl-Istati Membri kollha indipendentement minn jekk jitwettqux permezz ta' l-Internet jew le.

Or. en

Emenda 22
Kathalijne Maria Buitenweg

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-falliment tal-Kunsill li jaqbel dwar drittijiet proċedurali fil-proċeduri kriminali jxekkel il-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea. Dan l-ostaklu għandu jintegħleb b'mod urġenti.

Or. en

Emenda 23
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għandhom jiġu stabbiliti regoli ġurisdizzjonali ulterjuri biex jiġi żgurat li provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu jkunu jistgħtu jitħarrku b'mod effikaċi meta dawn ikunu diretti lejn it-twettiq ta' offiża terroristika jew jirriżultaw f'offiża ta' din ix-xorta li hi suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.	***(12) Għandhom jiġu stabbiliti regoli ġurisdizzjonali addizzjonali biex jiġi żgurat li l-inċitament pubbliku biex jitwettaq reat terroristiku, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu jkunu jistgħtu jitħarrku.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi dan is-suġġett ta' "regoli ġurisdizzjonali addizzjonali" huwa wieħed sensittiv ħafna, ikun aħjar li dan ikun punt potenzjali u mhux obbligatorju.

Emenda 24
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għandhom jiġu stabbiliti regoli ġurisdizzjonali ulterjuri biex jiġi żgurat li provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu jkunu *jistgħtu* jitħarrku b'mod effikaċi meta dawn ikunu diretti lejn it-twettiq ta' offiża terroristika jew jirriżultaw f'offiża ta' din ix-xorta li hi suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.	(12) Għandhom jiġu stabbiliti regoli ġurisdizzjonali ulterjuri biex jiġi żgurat li provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu u t-taħriġ għal skopijiet ta' terroriżmu jkunu *jistgħu* jitħarrku b'mod effikaċi meta dawn ikunu diretti lejn it-twettiq ta' offiża terroristika jew ***ikollhom it-tendenza li*** jirriżultaw f'offiża ta' din ix-xorta li hi suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 25
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-Unjoni tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li jidhru fil-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitoli II u VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestringi d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali *bħall-libertà* ta' espressjoni, il-libertà li tissieħeb, jew ta' assoċjazzjoni, id-dritt għar-rispett tal-privatezza u l-ħajja familjari, inkluż id-dritt għar-rispett tal-konfidenzalità tal-korrispondenza.	(14) L-Unjoni tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li jidhru fil-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitoli II u VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestringi d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali *bħal-libertà* ta' espressjoni, il-libertà li tissieħeb, jew ta' assoċjazzjoni, id-dritt għar-rispett tal-privatezza u l-ħajja familjari, inkluż id-dritt għar-rispett tal-konfidenzalità tal-korrispondenza ***u b'mod partikulari li jnaqqas jew jirristringi l-libertà tal-pressa u l-libertà ta' l-espressjoni ta' mezzi oħra tax-xandir peress li dawn jirriżultaw minn***

tradizzjonijiet kostituzzjonali jew regoli li jirregolaw id-drittijiet u r-responsabilitajiet tal-pressa jew ta' mezzi oħra tax-xandir, jew il-garanziji proċedurali tagħhom, meta dawn ir-regoli jirrelataw mad-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabilità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-libertà ta' l-espressjoni u l-libertà tal-pressa aħjar li jiddaħħlu fil-premessa peress li dawn diġà huma protetti mill-konvenzjonijiet eżistenti.

Emenda 26
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-Unjoni tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li jidhru fil-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitoli II u VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestrinġi d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali bħall-libertà ta' espressjoni, il-libertà li tissieħeb, jew ta' assoċjazzjoni, id-dritt għar-rispett tal-privatezza u l-ħajja familjari, inkluż id-dritt għar-rispett tal-konfidenzalità tal-korrispondenza.	(14) L-Unjoni tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li jidhru fil-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitoli II u VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestrinġi d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali bħall-libertà ta' espressjoni, il-libertà li tissieħeb, jew ta' assoċjazzjoni, id-dritt għar-rispett tal-privatezza u l-ħajja familjari, inkluż id-dritt għar-rispett tal-konfidenzalità tal-korrispondenza***, inkluż il-kontenut ta' posta elettronika jew ta' xorti oħra ta' korrispondenza elettronika***.

Or. en

Emenda 27
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet terroristiċi u t-taħriġ għal skopijiet terroristiċi huma delitti intenzjonali. Għaldaqstant,*** xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestrinġi t-tixrid ta' informazzjoni għal finijiet xjentifiċi, akkademiċi ***jew*** ta' rappurtar. L-espressjoni ta' fehmiet radikali, polemiċi jew kontroversjali fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi, inkluż it-terroriżmu, ma tidħolx fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni Qafas ***u, b'mod partikolari, tad-definizzjoni ta' provokazzjoni pubblika sabiex jitwettqu reati terroristiċi***,	(15) Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkun interpretat li hu maħsub li jnaqqas jew jirrestrinġi t-tixrid ta' informazzjoni għal finijiet xjentifiċi, akkademiċi***,*** ta' rappurtar ***jew artistiċi***. L-espressjoni ta' fehmiet radikali, polemiċi jew kontroversjali fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi, inkluż it-terroriżmu, ma tidħolx fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

Or. de

Emenda 28
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) L-azzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu effettwati b'tali mod li jkunu proporzjonati u neċesasrji f'soċjetà demokratika, bil-ħsieb ta' l-għanijiet leġittimi miksuba, u mhux diskriminatorja; b'mod partikulari, dawn għandhom ikunu kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Or. de

Emenda 29
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) L-azzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu effetwati b'tali mod li jkunu proporzjonati għall-għanijiet legittimi miksuba u kompatibbli mar-regoli tad-demokrazija u mar-regola tan-non-diskriminazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-Sur Demetriou jaqbel sostanzjalment mal-proposta tar-rapporteur imma jipproponi abbozzar aħjar.

Emenda 30
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15 a) Is-sanzjonijiet kriminali li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu effetwati b'tali mod li jkunu proporzjonati ma' l-għanijiet leġittimi miksuba, neċesasrji u xierqa f'soċjetà demokratika u mhux diskriminatorja.

Or. en

Emenda 31
Kathalijne Maria Buitenweg

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Arikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) L-Artikolu 1 paragrafu1 qed jinbidel b'dan li ġej:
	"1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li l-atti *intenzjonati* **msemmija hawn taħt fil-punti (a) sa (i), kif imfissra bħala reati skond il-liġi nazzjonali, li, minħabba n-natura jew il-kuntest tagħhom, jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali *pubblika* fejn dawn isiru bl-iskop illi:** **— jintimidaw b'mod serju lill-popolazzjoni, jew** **— b'mod illeċitu iġiegħlu lill-Gvern jew organizzazzjoni internazzjonali *pubblika b'mod vjolenti* li jagħmlu jew jonqsu milli *jagħmlu* xi att, *mingħajr preġudizzju għad-drittijiet jew libertajiet fundamentali bħad-dritt li tittieħed azzjoni industrijali, il-libertà li tissieħeb, ta' assoċjazzjoni jew ta' l-espressjoni, inkluż id-dritt ta' kulħadd li jifforma għaqdiet sindikali u li jingħaqad magħhom ma' oħrajn għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu jew tagħha, u d-dritt relatat ta' dimostrazzjoni* jew** **— jidestabilizzaw jew ikissru l-istrutturi *istituzzjonali u* kostituzzjonali *fundamentali*, *l-istrutturi* ta' pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali *pubblika* għandhom jitqiesu bħala reati terroristiċi:** **(a) l-attakki fuq il-ħajja ta' persuna li jistgħu jikkaġunaw il-mewt;** **(b) attakki *gravi* fuq l-integrità fiżika tal-persuna *li jikkawżaw dannu fiżiku gravi*;** **(c) il-ħtif ta' persuna jew il-ħtif ta' ostaġġi;** **(d) id-distruzzjoni estensiva *u serja* lil**

Gvern jew faċilità pubblika, sistema ta' trasport, *faċilità* **ta' infrastruttura, inkluża sistema ta' informazzjoni** ***bl-għan li tiddistabilizza l-komunità*****, pjattaforma fissa li tkun tinsab fuq il-blata** *kontinentali***, post pubbliku jew proprjetà privatab*****, li b'hekk jipperikola serjament is-sigurtà pubblika, b'mod*** **li x'aktarx** ***joħloq*** **periklu lill-ħajja jew** ***jirriżulta*** **f'telf ekonomiku kbir;**
(f) *il-fabbrikazzjoni***, il-pussess, l-akkwist, it-trasport, il-kunsinna jew l-użu ta' armi, splussivi jew ta' armi nukleari, bioloġiċi jew kimiċi, kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp ta' armi bijoloġiċi u kimiċi,**

(g) il-ħelsien ta' sustanzi perikoluż, jew li joħolqu n-nirien, għargħar jew splussjonijiet li l-effett tagħhom huwa li joħolqu periklu għall-ħajja tal-bniedem;

(h) jinterferixxu jew ifixxklu ***serjament il-kunsinna*** **ta' ilma, dawl jew riżorsi naturali u fundamentali oħra li l-effett tagħhom huwa li joħolqu periklu għall-ħajja tal-bniedem;**
(i) jheddu li jwettqu xi waħda mill-atti msemmija f'(a) sa (h).

Or. en

Emenda 32
Marco Cappato, Sophia in 't Veld, Ona Juknevičienė

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Arikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(- 1) L-Artikolu 1, paragrafu 2 paragrafu jinbidel kif ġej:
	"2. Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex tibdel l-obbligu li jkunu rispettati d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji

legali fundamentali kif garantiti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Hija tirrispetta d-drittijiet fundamentali kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni ta' l-l-Istati Membri bħala prinċipji tal-liġi Komunitarja. L-Unjoni tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li jidhru fil-Karta dwar Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitoli VI tagħha. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jiġi interpretat li huwa maħsub biex inaqqas jew jirrestriġi d-drittijiet jew il-libertajiet fundamental, bħad-dritt li tittieħed azzjoni industrijali, il-libertà li tissieħeb jew ta' l-espressjoni, inkluż id-dritt ta' kulħadd li jifforma għaqdiet tal-ħaddiema u jingħaqad fihom flimkien ma' oħrajn għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu jew tagħha, u d-dritt relatat ta' dimostrazzjoni. 3. Tixwix pubbliku sabiex jitwettqu reati terroristiċi, ir-reklutaġġ għal skopijiet terroristiċi u t-taħriġ għal skopijiet terroristiċi huma delitti intenzjonali. Għaldaqstant, xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas ma jista' jiġi interpretat li hu maħsub biex inaqqas jew jirrestriġi l-libertà ta' l-espressjoni, il-libertà ta' l-istampa jew ta' mezzi tal-midja oħrajn, it-tixrid ta' informazzjoni għal finijiet xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi jew ta' rappurtar. L-espressjoni ta' fehmiet radikali, polemiċi jew kontroversjali fid-dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi, inkluż it-terroriżmu, ma tidħolx fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni Qafas u, b'mod partikolari, tad-definizzjoni ta' tixwix pubbliku sabiex jitwettqu reati terroristiċi, Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-prevenzjoni ta' Terroriżmu huwa applikabbli."

Or. en

Justification

Sabiex tingħata ċertezza legali lill-garanziji għad-drittijiet tal-bniedem stipulati fil-premessi tad-Deċizjoni tal-Kunsill rigward il-ġlieda kontra t-terroriżmu u fil-proposti għal emendi għaliha, dawn għandhom jissaħħu u jitqiegħdu fl-Artikoli tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (premessa 10 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-premessa 15 tal-proposta għal emenda).

Emenda 33
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Arikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) L-Artikolu 1(2) jiġi emendat kif ġej:
	'2. Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex ikollha l-effett li tibdel l-obbligu li jkunu rispettati d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali bħal dawk li huma garantiti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea *u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea*.'

Or. de

Emenda 34
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt (-1)
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 1, paragrafu 2:
	"(2a) Din id-Deċiżjoni Qafas ma jkolliex l-effett li tobbliga li Stati Membri jadottaw miżuri li jmorru kontra l-prinċipji fundamentali li jirrigwardaw il-libertà ta' l-espressjoni, inklużi l-libertà ta' l-istampa

jew ta' mezzi tal-midja oħrajn kif jirriżultaw minn tradizzjonijiet kostituzzjonali dwar regoli li jirregolaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet u l-garanziji proċedurali relatati ma' l-istampa jew ma' midja oħra fejn dawn ir-regoli jirrigwardaw id-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-risponsabbilità, inklużi r-rispett tal-kunfidenzjalità tal-korrispondenza, kif ukoll il-kontenut ta' l-imejls u ta' tipi oħrajn ta' korrispondenza elettronika. "

Or. en

Emenda 35
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni – att li jemenda
Artikolu 1 – punt -1 a
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 1 – paragrafu 2 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 1, paragrafu 2a:
	"(2b) Din id-Deċiżjoni Qafas ma tnaqqasx jew tirrestrinġi t-tixrid ta' informazzjoni għal skopijiet xjentifiċi, akkademiċi jew ta' rappurtar, l-espressjoni ta' opinjonijiet radikali, polemiċi u kontroversjali fid-dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi, inkluż it-terroriżmu."

Or. en

Emenda 36
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "***provokazzjoni pubblika*** sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ***ta' l-inċitazzjoni tat***-twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, ***kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le,*** tikkaġuna ***periklu*** li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.	(a) "***tixwix pubbliku*** sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ***ċara, intenzjonali u diretta li tħeġġeġ it-***twettiq ta' wieħed mir-***reati*** elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba tikkaġuna ***riskju reali ġenwin u imminenti*** li jista' jitwettaq reat, wieħed jew aktar, ***li jħedded il-ħajja jew l-integrità fiżika ta' persuni..***

Or. en

Emenda 37
Marco Cappato, Sophia in 't Veld, Ona Juknevičienė

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ta' l-inċitazzjoni tat-twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, ***kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le***, tikkaġuna ***periklu*** li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.	(a) "***tixwix pubbliku*** sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ***ċara u diretta li tħeġġeġ it-***twettiq ta' wieħed mir-***reati*** elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba tikkaġuna ***riskju reali ġenwin u imminenti*** li jista' jitwettaq reat, wieħed jew aktar, ***li jħedded il-ħajja jew l-integrità fiżika ta' persuni..***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-imġiba kriminalizzata għandha tkun definita b'mod ċar u strett. Jeħtieġ li jkun hemm rabta diretta bejn l-intenzjoni tat-tixwix ma kemm huwa probabbli t-twettiq imminenti ta' att terroristiku li jhedded il-ħajja jew l-integrità ta' persuni.

Emenda 38
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "***provokazzjoni pubblika*** sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, ***bl-intenzjoni ta' l-inċitazzjoni tat-***twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, ***kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le, tikkaġuna*** periklu li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.	(a) "***tixwix*** pubbliku sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ intenzjonali lill-pubbliku ***li jħeġġeġ direttament jew indirettament it-***twettiq ta' wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba***, tista' titqies b'mod raġjonevoli li tista' toħloq il-***periklu li jitwettaq reat wieħed jew aktar.

Or. en

Justification

Il-kliem użat f'dan il-paragrafu għandu jkun kompatibbli ma' l-ispirtu tal-proposta emendata u mhux li jdgħajjef l-ambitu tagħha.

Emenda 39
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-	(a) "provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-

distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ta' l-inċitazzjoni tat-twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le, tikkaġuna periklu li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.	distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ta' l-inċitazzjoni tat-twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le, tikkaġuna periklu ***realistiku*** li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.

Or. en

Emenda 40
Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Luis de Grandes Pascual

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 200/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ta' l-inċitazzjoni tat-twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le, tikkaġuna periklu li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar.	(a) "provokazzjoni pubblika sabiex jitwettaq reat terroristiku" tfisser id-distribuzzjoni, jew inkella t-tqegħid għad-dispożizzjoni, ta' messaġġ lill-pubbliku, bl-intenzjoni ta' l-inċitazzjoni tat-twettiq ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1) (a) sa (h), fejn din il-imġiba, kemm jekk tippromwovi direttament reati terroristiċi kif ukoll jekk le, tikkaġuna periklu li jista' jitwettaq reat wieħed jew aktar, ***fejn ikun hemm raġunijiet raġjonevoli li wieħed jissuspetta li mġiba bħal din tista' tiffavorixxi t-twettiq ta' att terroristiku,***

Or. es

Emenda 41
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu" jfisser li wieħed ifittex persuna oħra sabiex twettaq wieħed mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1), jew fl-Artikolu 2(2).	(b) "ir-reklutaġġ għal skopijiet ta' terroriżmu" jfisser li wieħed ifittex ***b'mod intenzjonali u jirnexxilu jsib*** persuna oħra sabiex twettaq wieħed mir-***reati*** elenkati fl-Artikolu 1(1) ***punti a) sa h),*** jew fl-Artikolu 2(2).

Or. de

Emenda 42
Francesco Enrico Speroni

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***serq aggravat bl-iskop li jitwettaq wieħed jew aktar mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1);***	(d) ***kwalunkwe reat li l-qligħ minnu għandu l-iskop li jiffinanzja organizazzjonijiet jew attivitajiet terroristiċi;***

Or. it

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri l-liġijiet jagħmlu distinzjoni bejn "serq aggravat" u "serq" u jkun hemm protezzjoni aħjar tal-komunità kieku ma' dan l-Artikolu jiżdied ukoll "il-frodi".

Emenda 43
Francesco Enrico Speroni

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) serq *aggravat* bl-iskop li jitwettaq	(d) ***serq ikkwalifikat u/jew serq*** bl-iskop li

wieħed jew aktar mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1);	jitwettaq wieħed jew aktar mill-atti elenkati fl-Artikolu 1(1);

Or. it

Justification

F'xi Stati Membri l-liġijiet jagħmlu distinzjoni bejn "serq ikkwalifikat" u "serq" u jkun hemm protezzjoni aħjar tal-komunità kieku ma' dan l-Artikolu jiżdied ukoll "il-frodi".

Emenda 44
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriminalizzazzjoni ta' atti msemmija f'paragrafu 2, punti a) sa c) ta' dan l-Artikolu għandha titwettaq skond l-obbligi relatati mal-libertà ta' l-espressjoni u l-libertà ta' l-assoċjazzjoni li bihom huma marbutin dawn l-Istati Membri, u speċjalment dawk l-obbligi relatati mal-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'mezzi oħra tal-midja.

Or. en

Justification

Jeħtieġ li jiġi enfasizzat il-bilanċ bejn kriminalizzazzjoni u l-libertajiet fundamentali relevanti.

Emenda 45
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriminalizzazzjoni ta' atti msemmija f' paragrafu 2, punti a) sa c) ta' dan l-Artikolu għandha titwettaq skond l-obbligi relatati mal-libertà ta' l-espressjoni u l-libertà ta' l-assoċjazzjoni, inklużi l-obbligi relatati mal-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'mezzi oħra tal-midja.

Or. en

Emenda 46
Stavros Lambrinidis

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 3 – paragrafu 3 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri barra minn hekk għandhom jiżguraw li l-kriminalizzazzjoni ta' l-atti msemmija f'paragrafu 2, punti a) sa c) ta' dan l-Artikolu tkun proporzjonata mat-tip u ċ-ċirkostanza tar-reat - b'kunsiderazzjoni għall-għanijiet leġittimi ffissati u l-ħtieġa tagħhom u skond kemm huma xierqa f'soċjetà demokratika - u għandhom jeskludu kull forma ta' arbitjarjetà u kull trattament diskriminatorju jew razzist.

Or. en

Emenda 47
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 4 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"3a. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jikkriminalizza u jagħmel punibbli b'mod proporzjonat it-tentativ ta' twettiq ta' reat li jirreferi għalih l-Artikolu 3(b) u (c)."

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konsiderazzjoni għall-oġġezzjonijiet ta' ċerti Stati Membri, nagħmlu l-kriminalizzazzjoni ta' tentativ bħala punt fakultativ.

Emenda 48
Alexander Alvaro

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 9 – paragrafu 1 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. ***Kull Stat Membru għandu wkoll jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-***reati msemmija fl-Artikolu 3(2) (a) sa (c) ***fejn ir-reat kien immirat lejn jew irriżulta fit-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1 u tali reat irid jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' l-Istat Membru skond xi wieħed mill-kriterji stipulati fil-paragrafu 1(a) sa (e) ta' dan l-Artikolu."***	1a. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedi li ma japplikawx jew li japplikaw biss f'każijiet jew f'ċirkostanzi speċifiċi, ir-regoli ta' kompetenza stabbiliti f'paragrafu 1, punti d) u e), għar-***reati msemmija fl-Artikolu 3(2) (a) sa (c) u ***fl-Artikolu 4, meta dawn ir-regoli jkunu marbuta ma' reati msemmija fl-Artikolu 3 (2), punti a) sa c)***.

Or. de

Emenda 49
Panayiotis Demetriou

Proposta għal deċiżjoni qafas – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3
Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI
Artikolu 9 – paragrafu 1 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru ***għandu*** wkoll jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikolu 3(2) (a) sa (c) fejn ir-reat kien immirat lejn jew irriżulta fit-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1 u tali reat irid jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' l-Istat Membru skond xi wieħed mill-kriterji stipulati fil-paragrafu 1(a) sa (e) ta' dan l-Artikolu."	1a. Kull Stat Membru ***jista'*** wkoll jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati msemmija fl-Artikolu 3(2) (a) sa (c) fejn ir-reat kien immirat lejn jew irriżulta fit-twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikolu 1 u tali reat irid jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' l-Istat Membru skond xi wieħed mill-kriterji stipulati fil-paragrafu 1(a) sa (e) ta' dan l-Artikolu."

Or. en

Justification

Billi dan is-suġġett ta' regoli ta' kompetenza addizzjonali huwa sensittiv ħafna, ikun tajjeb li dan ikun punt "potenzjali" u mhux "obbligatorju".